MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 535/2009

**BANK OF VALLETTA p.l.c** (C-2833)

vs

**FRISKY POULTRY FARM COMPANY LIMITED (C-16936) u Saviour u Josephine *sive* Josette miżżewġin GRIMA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-3 ta' Gunju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-Bank rikorrent talab li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiv il-kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-11 ta' Ottubru, 2002, fl-atti tan-

Nutar Pierre Falzon u dan billi għaddew aktar minn tliet (3) snin minn meta l-imsemmi kuntratt sar eżekuttiv;

Rat li l-intimat notifikat, ma ppreżentatx risposta, għalkemm deher għar-rikors, u saħansitra ħatar avukat biex jidher għalih;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-Rikors u ddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri u, b' żieda ma' dan, ressaq prospett b' nota fis-17 ta' Novembru, 2009, li bih fisser kif wasal għall-ammont imsemmi fir-Rikors;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Illi għalhekk it-talba tal-Bank rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa t-talba ta' l-istess Bank rikorrenti.

Bl-Ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------